*L-Istatwa ta' San Filep ta'Aġira u lil hinn minnha:*



# 150 sena mill-miġja tal-istatwa f'Ħaż-Żebbuġ

*(1863-2013)*



**Philip E. Said**

L-istatwa ta' San Filep t'Aġira, Qaddis Patrun ta' Ħaż-Żebbuġ, hija ammirata għal żewġ raġunijiet: l-ewwel għax-xogħol mirqum u artistiku li naqqax fil-fidda Luigi Fontana, li skont l-aqwa kritiċi tal-arti, il-grad għoli ta' sengħa li laħaq jixraqlu jkun imsejjaħ 'kapolavur tal-arti'. Fost l-oħrajn, dan jixhdu l-kritiku tal-arti Antonio Espinosa li dwar l-istatwa ta' San Filep jistqarr li,

"l-istatwa tal-fidda ta' San Filep hija opra li jistħoqqilha attenzjoni minħabba l-kwalitajiet artistiċi li għandha… mimlija ħajja u movimenti… imneżżgħa minn dawk l-eċċessi teatrali u psewdo-barokki, karatteristiċi ta' bosta vari Maltin." [1]

It-tieni raġuni ta' ammirazzjoni hi minħabba dak li din l-istatwa tirrappreżenta fil-vitalità tal-movimenti u fis-simboliżmu tagħha. Qegħdin niċċelebraw il-150 sena mill-miġja tal-istatwa fostna preċiżament minħabba dawn iż-żewġ kwalitajiet sbieħ fl-istawa ta' San Filep, iżda hawnhekk se nikkummenta l-aktar fuq it-tieni aspett li jmur lil hinn mix-xogħol artistiku fih innifsu.

X'qed niċċelebraw sewwasew f'dan il-150 anniversarju? Għaliex hu tajjeb li nfakkru b'ċelebrazzjonijiet speċjali l-wasla tal-istatwa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ? Il-wasla fiha nnifisha hi fatt storiku għax ġabet bidla importanti fil-ħajja reliġjuża u soċjali tan-nies ta' Ħaż-Żebbuġ. Id-devozzjoni tagħna lejn San Filep bdiet snin qabel il-miġja tal-istatwa, iżda bl-istatwa fostna din ir-rabta saret aktar personali għax il-poplu sab aktar ma' min jidentifika ruħu. Permezz tal-istatwa kiber is-sens ta' appartenenza u għalhekk is-sens ta' familja. Minn soċjetà imferrxa, Ħaż-Żebbuġ sar komunità magħquda madwar ix-xbieha ta' qaddis li kien ilu snin li ħatar bħala patrun tiegħu, iżda li issa saret iċ-ċentru tal-attività kollha. Il-knisja parrokkjali li kienet ilha li nbniet madwar erba' mitt sena qabel imliet spazju ieħor li kien jonqosha, u d-dedikazzjoni tagħha lil San Filep issa sabet tifsira sħiħa. L-istatwa ta' San Filep li saret parti mill-kultura ta' Ħaż-Żebbuġ kellha influenza fuq il-mod ta' ħsieb u l-istil ta' ħajja tan-nies.

Nistgħu nsemmu erba' effetti li ġabet il-wasla tal-istatwa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ fl-1863: (i) L-istatwa ta' San Filep saret il-mod konkret u viżibbli tal-idea tal-qaddis li minn żmien kellhom iż-Żebbuġin fil-memorja kollettiva tagħhom; (ii) bl-istatwa fostna bdiet tinħass aktar qrib il-preżenza tal-Qaddis fil-ħajja tan-nies; (iii) il-poplu beda jifhem u jħoss iżjed li għandu punt ta' riferiment qawwi fiż-żminijiet diffiċli tal-istorja, u (iv) l-istatwa saret simbolu tal-għaqda tal-poplu.

Ġrajjiet bħal dawn huma biżżejjed biex jagħmlu l-wasla tal-istatwa ta' San Filep tabilħaqq fatt storiku b'tifsiriet importanti li jmorru lilhinn mill-istess statwa, artistika kemm hi artistika. Huma wkoll raġuni għal ċelebrazzjonijiet ta' tifkira ta' 150 sena ta' preżenza tal-

istatwa ta' San Filep fil-qalba tal-ħajja u l-kultura ta' Ħaż-Żebbuġ. U quddiem dawn l-erba' tifsiriet, jieħdu s-sens tagħhom il-versi tal-Innu lil San Filippu ta' Aġġira ta' Dun Karm. Bl-istatwa quddiemu, espressjoni viżibbli ta' poplu u ġrajjietu, nistgħu nifhmu aħjar kliem il-poeta nazzjonali hu u jgħanni,

Lilu tana, qaddisna, l-Kbir Alla,
Hu tar-raħal il-ħares u s-sid . . .

Drabi ferħ, drabi niket u biża',
Fuq dal-ġens għaddew snin bil-mijiet,
Iżda x-xrara qaddisa li kibset
Ġewwa qlubna qatt iżjed ma ntfiet . . .

Żomm il-għaqda, żomm l-imħabba
Ġewwa l-qlub iż-Żebbuġin.

Aktar minn spazju fiżiku, l-istatwa ta' San Filep imliet spazju psikoloġiku u soċjali fil-kuxjenza kollettiva tal-poplu.

Lil hinn mill-istatwa fiha nnifisha, hemm realtà ħafna akbar minnha. Luigi Fontana, b'ħila artistika kbira, għaraf jiġbor il-missjoni li għaliha kien imsejjaħ San Filep, jiġifieri, il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin; il-verità u l-assenza tal-verità – rappreżentati mis-Salib u s-serpent; id-dawl mill-Kelma tal-Vanġelu li juri t-triq tas-sewwa u l-mixja ta' kuraġġ lejn ir-rebħa ċerta tal-aħħar imsaħħa mill-Fidi u l-imħabba. Dawn il-valuri huma kollha espressi b'simboli skultorji mill-ifjen fil-ħarsa żgura, fil-pass sod 'il quddiem, u fid-dirgħajn b'saħħithom maqlugħa tant tajjeb fix-xogħol ta' Fontana biex jagħti l-idea ta' soluzzjoni għall-problema eżistenzjali tal-ħażen fid-dinja ta' żmien il-qaddis u ta' żmienna. Fis-sengħa tal-arti, l-awtur isib bilanċ bejn il-medium u l-messaġġ, waqt li jagħti lil tal-aħħar tifsira ferm aktar profonda. L-istatwa bħala arti, għalhekk, tagħti garanzija għall-missjoni ta' San Filep għal kull żmien.

Bi kritika tad-dinja tal-immaġni post-moderna, Baudrilland jistqarr li "l-immaġni taħbi l-verità" *("the image masks reality)*. L-istatwa ta' San Filep ta' Luigi Fontana taqleb din l-asserzjoni post-moderna għaliex hu fatt ċert li din l-immaġni maestuża tal-fidda qiegħda tfisser verament il-verità ta' dak li tirrappreżenta. Dan jista' jinġabar fl-evalwazzjoni artistika li Dr Nikola Zammit kiteb fir-rivista L' Arte,

"L-istatwa għandha dehra maestuża, qawwa ta' għemil, bixra li timpressjona. Kollox juri l-istorja tal-qaddis, fi kliem ieħor poeżija minn kull fejn tħares." [2]

## Konklużjoni

Hu l-messaġġ ta' kuraġġ u imħabba li joħroġ qawwi mill-istatwa, u li jwassalna għal djalogu awtentiku ma' San Filep li lilu għażilna bħala "l-ħares u s-sid" ta' Beltna. Djalogu awtentiku hu djalogu mibni fuq il-Fidi kif fehemha u għexha hu. Il-Fidi ta' San Filep ma kinetx l-għarfien ta' sistema ta' twemmin li tista' taċċetta jew tiċħad meta trid. Kienet Fidi li tirbaħ il-biżgħa bil-fiduċja, il-limitazzjoni taċ-ċokon bil-kobor tad-dinjità, l-injoranza bil-verità. Kienet Fidi ħajja, Fidi kreattiva mibnija fuq il-Misteru Infinit, jiġifieri, fuq Alla li Hu Imħabba. Hu grazzja li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-150 anniversarju tal-miġja tal-istatwa ta' San Filep qegħdin jaħbtu mas-Sena tal-Fidi. Minn hawn ġej il-fatt li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet

mhumiex sempliċiment tifkira ta' fatt storiku li seħħ darba u daqshekk; lanqas mhuma tifkira ta' persunaġġ li ġie fl-istorja u għadda mal-oħrajn li ġew u marru qablu. Huma ċelebrazzjoni ta' fatt storiku li l-influenza tiegħu kienet importanti għax għadha tinħass sal-lum, u tibqa' għall-ġenerazzjonijiet futuri. Huma ċelebrazzjonijiet ta' persunaġġ li għadu ħaj u preżenti fil-verità tal-messaġġ li jagħtina u fl-imħabba tagħna lejh bħala ċittadini tal-Belt li hu jħares u li tibqa' tgħaqqadna miegħu.

**Referenzi**

[1] Ċitat f'Dun Salv Caruana, L-Istatwa tal-Fidda ta' San Filep t'Aggira, 1988.
[2] Ċitat f'Dun Salv Caruana, L-Istatwa tal-fidda ta' San Filep t'Aggira, 1988.

